**12 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giovanna Spiteri

*versus*

Barbara Dimech et.

**Mard tal-Moħħ — Liċenzjament tal-Pazjent — Board tal-Isptar tal-Mard tal-Moħħ — Tabib Prinċipali tal-Gvern — Mara tal-Pazjent — Art. 17 tal-Kap. 148 — G.N. 59 tal-1947**

*Skond ir-regolamenti għat-twaqqif u tmexxija tax-xogħol mill-Board tal-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, huwa dmir il-Board imsemmi li jordna li jinbagħat mill-Isptar kull marid li l-istess Board jidhirlu li huwa mfejjaq, jew li fil-fehma tiegħu jista' jitħalla jitlaq mill-Isptar taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqieshom xierqa.*

*It-tabib prinċipali tal-Gvern huwa wieħed mill-membri ta' dak il-Board, iżda dan ma jfisserx li hu jista' individwalment, f'din il-kwalità uffiċjali tiegħu, jawtorizza l-ħruġ ta' pazjent mill-imsemmi sptar, jew jimponi kondizzjonijiet sabiex jawtorizza l-ħruġ tal-pazjent mill-Isptar; għaliex is-setgħa li jordna l-liċenzjament tal-pazjenti tikkompeti lill-imsemmi Board, skond il-fehma tal-maġġuranza tal-membri komponenti l-istess Board.*

*Għaldaqstant, talba diretta kontra t-tabib prinċipali tal-Gvern sabiex huwa jawtorizza l-ħruġ ta' pazjent mill-Isptar tal-mard tal-moħħ taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq li jimponi, hija inattendibbli.*

*Inattendibbli wkoll hija t-talba diretta kontra l-mara tal-pazjent, biex il-Qorti tawtorizza dan il-ħruġ tal-pazjent mill-isptar inattiża l-oppożizzjoni jew l-intervent tal-mara tal-pazjent.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjoniiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenut Antonio Dimech jinsab rikoverat-fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ fuq talba tal-konvenuta Barbara Dimech martu; u *billi l-istat mentali* u l-marda tal-imsemmi Antonio Dimech huma tali li jippermettu li dan jiġi maħruġ mill-Isptar fuq applikazzjoni ta' persuna nteressata li tobliga ruħha li żżommu għandha u tidħol responsabbli għalieh; u billi l-konvenuta Barbara Dimech ma tridx iżżommu f'darha; u billi l-attriċi, oħtu, hija pronta biex tottempera ruħha mal-proċeduri meħtieġa biex tieħu f'darha l-imsemmi Antonio Dimech; talbet li tiġi awtorizzata, taħt l-obligazzjonijiet li jogħġbu jimponilha l-konvenut Dr. Joseph Galea nomine, toħroġ mill-Isptar u tirċievi f'darha *l-imsemmi Antonio Dimech, u dan inattiża l-oppożizzjoni* jew l-intervent tal-konvenuta martu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Ottubru 1959;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, it-talba kontra l-konvenuti hija speċifika, u ċjoè li l-attriċi tiġi awtorizzata, taħt l-obligazzjonijiet li jogħġbu jimponi lill-instanti l-konvenut Dr. Joseph Galea ne., toħroġ mill-Isptar u tirċievi fid-dar tagħha lil Antonio Dimech, rikoverat fl-Isptar tal-Moħħ, inattiża l-oppożizzjoni jew l-intervent tal-konvenuta martu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li skond ir-regolamenti għat-twaqqif u tmexxija tax-xogħol mill-Board tal-Isptar għall-

Mard tal-Moħħ (Government Notice 59 tal-4 ta' Frar 1947), publikati fil-Gazzetta tal-Gvern tas-sena 1947, paġ. 144, in forza tal-art. 17 tal-Kap. 148 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, huwa dmir il-Board maħluq b'dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern li jordna li jinbagħat mill-Isptar kull marid li l-istess Board jidhirlu li huwa mfejjaq, jew li fil-fehma tiegħu jista' jitħalla jitlaq mill-Isptar taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqieshom xierqa (reg. 12);

Illi l-Board fuq imsemmi huwa kompost mill-persuni msemmija fir-Reg. 1 ta' dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern, fosthom it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, li għandu jippresjedi fis-seduti meta jkun preżenti (ara Reg. 6);

Illi minn dan itnissel li l-konvenut Dr. Joseph Galea, imħarrek bħala Suprintendent tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa (recte Tabib Prinċipali tal-Gvern), ma għandux individwalment, fil-kwalità uffiċjali tiegħu, ebda dritt jimponi ebda kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa sabiex jawtorizza lill-attriċi tkun tista', se maj, tieħu taħt il-kura tagħha lil Antonio Dimech, rikoverat attwalment fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ; l-għaliex huwa, skond il-liġi, il-Board imsemmi fil-Government Notice 59/1947 li għandu s-setgħa jordna l-liċenzjament tal-pazjenti minnu, in maġġuranza tal-membri komponenti, kunsidrati mfejqa, jew li fil-ġudizzju in maġġuranza tiegħu jikkunsidra li jista' jitlaq mill-Isptar; u meta tiġi biex topera ruħha din id-deċiżjoni, l-istess Board huwa fakoltat imexxija taħt il-kondizzjonijiet li jista' jqieshom xierqa;

Illi kwindi, jekk skond il-liġi huwa l-Board bħala korp li jista' jimponi kondizzjonijiet għall-liċenzjament ta' pazjent mill-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u mhux il-konvenut Dr. Galea nomine, individwalment dan l-aħħar imsemmi, imħarrek għall-fini fuq menzjonat, ġie mħarrek ħażin, u t-talba diretta kontra tiegħu għandha tiġi miċħuda bħala li l-istess mhix skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi, in kwantu t-talba hija diretta kontra l-mara tal-

pazjent, l-istess lanqas tista' tiġi milqugħa; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Minħabba l-fatt tal-konċezzjoni speċifika tal-att taċ-ċitazzjoni dwar il-persuna li hija fakultata timponi kondizzjonijiet, mhix sostenibbli fil-liġi;

2. Mhux l-għaliex l-attriċi ma setgħetx tintenta l-kawża, li hija biss intiża għall-kura tal-persuna tal-pazjent, u mhux għall-amministrazzjoni tal-beni tiegħu, imma l-għaliex il-kondizzjonijiet li jista' jimponi l-Board ma jiddependux, jew suppost li ma għandhomx jiddependu, assolutament minn persuna partikulari, meta hemm persuna oħra li tassumi l-kura tal-persuna li tiġi ġudikata li tista' taħroġ minn dak l-Isptar għar-raġunijiet addotti fil-liġi. Infatti, kwalunkwe oppożizzjoni li mart il-pazjent konvenut setgħet għamlet għal-liċenzjament tiegħu ma għandha tiswa xejn, jekk il-pazjent huwa mfejjaq, jew jekk fil-ġudizzju tal-Board seta' jinħareġ mill-Isptar; l-għaliex allura ċ-ċittadin fil-kondizzjonijiet fuq imsemmija, li sventuratament ikun temporaneament marad, isib il-libertà tiegħu attakkata nġustament u vessatorjament. Taħt kondizzjonijiet simili dik l-oppiżizzjoni di fronti għall-Board ma tkunx valida, u ndipendentement minnha għandha ssir id-deċiżjoni tiegħu. Jekk huwa hekk, il-konvenuta, mart il-pazjent, ma kellhiex għal fejn tkun imħarrka;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tillibera lill-konvenuti; bl-ispejjeż għall-attriċi.